**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 237/11VG**

**Andrew Azzopardi**

**Vs**

**Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd.**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Andrew Azzopardi fl-20 ta' Lulju 2011 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd. tigi kkundannata thallasu s-somma komplessiva ta' ghaxart elef sitt mija tlieta u sittin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€10,663.83), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' sitt elef hames mija hamsa u sittin Euro u tmienja u sittin centezmu (€6,565.68) bhala valur ta' spejjez kif jirrizulta mir-Rapport peritali anness mar-Rikors markat Dok. "A", li ghandhom jigu nkorsi biex jigu rimedjati hsarat ordnati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Novembru 2007 Avviz Nru. 403/05MM rigwardanti materjal difettuz u installazzjoni ta' l-istess mhux skond is-sengha u l-arti ghal liema nuqqas kienet unikament responsabbli l-imsemmija socjetà u in kwantu ghal erbat elef u tmienja u disghin Euro u hmistax-il centezmu (€4,098.15) bhala drittijiet u spejjez giudizzjarji skond taxxa ufficjali annessa mar-Rikors markata Dok. "B", li gew inkorsi minnu intortament minhabba l-imsemmija socjetà; bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2006, annessa mar-Rikors markata Dok. "C", kontra s-socjetà Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd.;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 2 sa' 8 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (i) in linea preliminari, l-azzjoni attrici in kwantu tikkoncerna l-allegat materjal difettuz supplit minnha, hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) hija ma hijiex responsabbli ghal ebda allegati spejjez sofferti jew li ghad jistghu jigu inkorsi mill-attur; (iii) l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-

dritt stante li l-attur dejjem accetta x-xoghlijiet in kwisjtoni; (iv) l-attur ghandu jipprova li effettivament hallas l-ammonti minnu reklamati; u (v) l-azzjoni attrici hija wahda intempestiva stante li hija ma gietx mgharfa bis-sentenza bl-Avviz Nru. 403/05 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Semghet ix-xhieda tal-Perit David Mifsud Parker moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011[1] u x-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Dicembru 2011[2] u ta' l-14 ta' Gunju 2012[3] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AZ1" a fol. 21 tal-process kif ukoll id-dokument esebit waqt is-seduta ta' l-14 ta' Gunju 2012 a fol. 39 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Johann Camilleri moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Dicembru 2011[4] u tal-11 ta' Ottubru 2012[5] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JC1" a fol. 51 sa' 53 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Vincent Galea moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012[6], rat id-dokumenti esebiti mill-attur markati Dok. "RFA1" u Dok. "RFA2" permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' April 2012 a fol. 35 sa' 37 tal-process, rat l-affidavit ta' Andrew Camilleri esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Jannar 2013 a fol. 63 sa' 66 tal-process u semghet ix-xhieda ta' Andrew Camilleri moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2013[7];

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' Novembru 2007, liema atti jinsabu allegati ma' l-atti tal-proceduri in ezami[8];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €6,565.68 rapprezentanti valur ta' spejjez skond Rapport peritali anness mar-Rikors promotur markat Dok. "A", li ghandhom jigu inkorsi sabiex jigu rimedjati hsarat kif ordnat bis-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Novembru 2007, rigwardanti materjal difettuz u installazzjoni ta' l-istess mhux skond is-sengha u l-arti ghal liema nuqqas hija unikament responsabbli l-imsemmija socjetà konvenuta, **u** s-somma ta' €4,098.15 rapprezentanti drittijiet u spejjez gudizzjarji skond taxxa ufficjali annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "B" li gew minnu inkorsi intortament minhabba l-imsemmija proceduri gudizzjarji fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi"; komplessivament ammontanti ghal €10,663.83.

---

[1] Fol. 22 sa' 24 tal-process.
[2] Fol. 25 u 26 tal-process.
[3] Fol. 40 sa' 49 tal-process.
[4] Fol. 27 tal-process.
[5] Fol. 54 sa' 61 tal-process.
[6] Fol. 30 sa' 33 tal-process.
[7] Fol. 69 sa' 74 tal-process.
[8] Vide verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 a fol. 20 tal-process.

Mill-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u mill-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 deciza fis-26 ta' Novembru 2007, annessi ma' dawn il-proceduri, jirrizultaw is-segwenti fatti:

- L-Avukat Vincent Galea kien inkariga lil Andrew Azzopardi, attur fil-proceduri odjerni, ghall-fini li jiehu hsieb xoghlijiet li kien jehtieg jigu esegwiti fil-fond 386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara. Il-ftehim bejniethom kien fis-sens illi Andrew Azzopardi: (a) jaghmel id-disinn tal-kmamar tal-fond kif kellhom jigu; (b) isib u jqabbad il-haddiema mehtiega; (c) jixtri l-materjal necessarju; u (d) jiehu hsieb id-direzzjoni u supervizjoni tax-xoghlijet[9];
- Ghall-fini ta' l-esekuzzjoni ta' parti minn l-appalt kummissjonat lilu, senjatament ghall-provvista u tqeghid tal-madum, Andrew Azzopardi inkariga lis-socjetà Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd.[10], li effettivament ipprovdiet il-madum u ghaddiet ghat-tqeghid ta' l-istess tramite cangar inkarigat u mhallas minnha[11];
- Wara xi zmien li tqieghed il-madum fil-fond ta' l-Avukat Galea, senjatament fl-entrata u taht it-tarag, fl-indana ta' fuq u fil-bitha, l-Avukat Galea beda jirriskontra xi difetti fl-istess, kemm fil-madum innifsu kif ukoll fix-xoghol ta' tqeghid, u wara certu zmien inutilment jipprova jasal dwar dawn id-difetti ma' Andrew Azzopardi huwa istitwixxa fil-konfront ta' l-istess Azzopardi l-proceduri fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05[12];
- Bl-imsemmija proceduri l-Avukat Galea talab li Andrew Azzopardi jigi ikkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-Qorti, jirrimedja ghax-xoghol ta' tqeghid ta' madum li ma sarx skond is-sengha u l-arti u jbiddel il-madum difettuz li mhux tal-kwalità pattwita li gie supplit u mqieghed fil-fond Nru.386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara[13];
- Fl-imsemmija proceduri gie nominat il-Perti Simon Saliba bhala Perit Tekniku li, wara li sema' x-xhieda prodotti bil-gurament u zamm accessi fil-fond Nru.386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, fir-rigward tal-materjal provdut u xoghol esegwit ikkonstata w ikkonkluda li: *(a) Il-paviment ta' l-irham li hemm fil-pjan tat-tarag hu 'maqtuh' u ghalhekk irid jinqala' u jerga' jitpogga kollu. Hija r-responsabilità tal-kuntrattur li jwahhal il-madum u li jipprotegi l-madum sakemm ikun b'sahhtu bizzejjed biex jintrifes; (b) Il-paviment ta' l-irham li hemm fl-entratura u taht it-tarag m'ghandux protezzjoni kompleta biex titwaqqaf l-umdità li tiela mill-art. Il-materjali li normalment nuzaw biex jitqieghed il-madum huma poruzi. Ghalhekk ghalkemm il-madum ghandu xi forma ta' protezzjoni fuq wara tieghu, jidher li l-umdità xorta wahda tiela ghal gol-maduma u l-melh*

---

[9] Affidavit ta' l-Avukat Vincent Galea esebit fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05, xhieda moghtija mill-Avukat Vincent Galea tul is-smigh ta' dawn il-proceduri waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, fol. 30 sa' 33 tal-process u xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, fol. 25 u 26 tal-process.
[10] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, fol. 25 u 26 tal-process.
[11] Xhieda moghtija minn Johann Camilleri waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, fol. 27 tal-process u affidavit ta' Andrew Camilleri a fol. 64 sa' 66 tal-process.
[12] Affidavit ta' l-Avukat Vincent Galea esebit fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05.
[13] Avviz fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05.

*qieghed jaghmel hsara fil-wicc ta' l-irham. Huwa impossibbli li wiehed jipprevjeni li tkompli ssir din il-hsara. Li kieku dan kien possibbli, xorta wahda wiehed irid jiehu konsiderazzjoni li l-paviment ma jistax jigi moghruk. Dan ghaliex il-madum ghandu canfrin mal-genb tieghu u ghalhekk ma jkunx possibbli li johrog wicc lixx meta jintorok fil-post. Ukoll il-madum huwa ta' hxuna zghira u ghalhekk jista' wkoll jixxaqaq meta jigi moghruk. Dan il-paviment ghandu jinqala' u jinbidel kollu. Ghanda tinholoq 'barrier' biex titwaqqaf l-umdità qabel ma jerga' jitqieghed il-maduma ta' l-irham. Din tista' ssir billi jitqieghed 'water proofing membrane' fuq il-wicc tal-konkos li hemm taht il-madum; (c) Fl-ewwel sular hemm inkluzi l-gonot tal-bordura li hemm fil-paviment hdejn il-bieb ta' barra, dawn ma humiex maqtughin skond is-sengha u l-arti. Dawn ukoll inaqqsu mill-valur vizwali tal-paviment; (d) Il-fili vojta fil-paviment tac-ceramika li hemm fil-bitha ghandhom jigu mhalba sew b'materjal adattat ghal dan it-tip ta' fil. Il-madum mcaqlaq vicin id-drain ta' l-ilma ghandu jerga' jigu mqieghda u mhalba;*

- In bazi ghall-provi prodotti quddiemha u ghall-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku l-Qorti, b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' Novembru 2007, laqghet it-talba ta' l-Avukat Vincent Galea u tat is-segwenti decizjoni: *Tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenut a spejjez tieghu jirrimedja x-xoghol ta' tqeghid ta' madum li ma sarx skond is-sengha u l-arti u jbiddel il-madum difettuz u mhux tal-kwalità pattwita li gie supplit u mqieghed gewwa l-fond numru tlett mija u sitta u tmenin (386), Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Simon Saliba li huwa minn issa nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas illi l-konvenut jesegwixxi dawn ix-xoghlijiet l-attur huwa awtorizzat li jaghmel dawn l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut. Bl-ispejjez kontra il-konvenut*[14];
- Andrew Azzopardi ma appellax mis-sentenza pronuncjata fil-konfront tieghu;
- Huwa fid-dawl ta' tali kundanna fil-konfront tieghu li Andrew Azzopardi istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tas-socjetà konvenuta *qua* il-kuntrattur inkarigat minnu ghall-finijiet ta' provvista u tqeghid tal-madum fil-fond ta' l-Avukat Galea.

Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba ta' l-attur bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, l-azzjoni attrici in kwantu tikkoncerna l-allegat materjal difettuz supplit minnha, hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) hija ma hijiex responsabbli ghal ebda allegati spejjez sofferti jew li ghad jistghu jigu inkorsi mill-attur; (iii) l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur dejjem accetta x-xoghlijiet in kwisjtoni; (iv) l-attur ghandu jipprova li effettivament hallas l-ammonti minnu reklamati; u (v) l-azzjoni attrici hija wahda intempestiva stante li hija ma gietx mgharfa bis-sentenza bl-Avviz Nru. 403/05 pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fil-fehma tal-Qorti, qabel ma tigi trattata t-talba attrici fil-mertu ghandhom jigu trattati u kkunsidrati l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni u ta' l-intempestività sollevati mis-socjetà konvenuta.

---

[14] Fol. 55 tal-process fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05.

L-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq liema s-socjetà konvenuta tibbaza l-eccezzjoni taghha li l-azzjoni attrici hija preskritta, jipprovdi li: *(1)* ***L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni***[15]*, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha. (2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhrix tal-haga, iz-zmienijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett. (3) Iz-zminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jinghad fl-artikolu 1407(2).*

Huwa evidenti minn dan il-provvediment tal-Ligi li t-terminu ghal azzjoni hemm stipulat, li strettament huwa terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni[16], huwa marbut ma' l-azzjoni redibitorja u ma' l-azzjoni stimatorja disponibbli fejn jirrizultaw difetti mohbija fl-oggett mibjugh. A tenur ta' l-Artikolu 1427 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, f'tali sitwazzjonijiet *ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja,* ***li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz***[17]*, inkella, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja,* ***li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti***[18].

Minn ezami akkurat ta' l-azzjoni odjerna huwa evidenti li l-attur ma istitwiex la l-azzjoni redibitorja u lanqas l-azzjoni stimatorja fil-konfront tas-socjetà konvenuta izda huwa istitwixxa l-azzjoni ta' rivalsa, bazikament azzjoni ghad-danni, li huwa *qua* appaltatur ghandu jedd ghaliha fil-konfront taghha *qua* sub-appaltatur in segwitu ghad-decizjoni pronuncjata kontra tieghu fis-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" deciza fis-26 ta' Novembru 2007. Peress illi kwalunkwe temrinu ta' dekadenza jew preskrizzjoni che sia ghandu jigi applikat b'mod ristrittiv[19], is-socjetà konvenuta ma tistax tippretendi li t-termini stipulati fl-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw ghall-azzjoni odjerna wkoll.

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta ma hijiex gustifikata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Is-socjetà konvenuta teccepixxi wkoll li l-azzjoni attrici hija intempestiva ghaliex l-attur ma infurmahiex dwar is-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 deciza fis-26 ta' Novembru 2007. Mill-provi prodotti però jirrizulta li din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

In effetti mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta li s-socjetà konvenuta giet infurmata, permezz ta' zewg ittri, kemm bil-fatt li l-Avukat Vincent Galea kien istitwixxa proceduri giudizzjarji fil-konfront ta' l-attur fir-rigward tal-provvista u xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-fond tieghu Nr. 386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, kif ukoll bil-fatt li b'sentenza pronuncjata fil-konfront tieghu Andrew Azzopardi gie

---

[15] Enfasi tal-Qorti.
[16] Joseph Vella noe v. Anthony Migneco, Citaz. Nru. 1616/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2005.
[17] Enfasi tal-Qorti.
[18] Enfasi tal-Qorti.
[19] Joseph Zarb v. Carmelo Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Frar 1957, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta – Vol. XLID – II – 892.

kkundannat jirrimedja x-xoghol provdut u esegwit mis-socjetà konvenuta. Iz-zewg ittri in kwistjoni huma: (a) l-ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2006[20] permezz ta' liema s-socjetà konvenuta giet infurmata li *l-mittent gie interpellat b'att gudizzjarju biex jaghmel tajjeb ghall-istess xoghol* (ossia l-provvista u tqeghid ta' madum fil-fond ta' l-Avukat Galea) *in vista ta' l-allegazzjoni li l-materjal fornut minnek ma kienx ta' kwalità tajba u stante ukoll li x-xoghol ta' tqeghid inkarikat minnek ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti. Dana premess ghalhekk u permezz tal-prezenti qed tigi avzat minn quddiem b'tali allegazzjonijiet u pretensjonijiet gudizzjarji sabiex titqieghed in dolo, mora u cupla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi halli taghmel tajjeb ghad-danni w okkorrendo sabiex tirrimedja f'kaz li l-pretensjonijiet tal-konsumatur jirrizultaw gudizzjalment fondati u gustifikati*; u (b) l-ittra legali datata 28 ta' Jannar 2008[21], ir-ricezzjoni ta' liema da parte tas-socjetà konvenuta ma gietx kontestata jew kontradetta mill-istess socjetà, permezz ta' liema s-socjetà konvenuta giet infurmata li *l-mittent gie kkundannat permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati sabiex jirrimedja ghal xoghol u materjal difettuz li tqieghed fil-fond ta' l-istess Dr. Galea* u konsegwentement interpellata sabiex *fi zmien mhux aktar tard minn gimgha millum tersaq sabiex tirrimedja x-xoghol u materjal hazin li nhadem fil-fond ta' Dr. Galea* u imwissija li *f'kaz li tibqa' tonqos li taghti widen ghal din l-interpellanza ser jittiehdu proceduri ulterjuri bil-Qorti kontra tieghek inkluz bil-hrug tal-mandati opportuni u dana minghajr ma jerga' jinghatalek pre-avviz iehor.*

Fid-dawl ta' dawn il-fatti jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta hija mhux talli giet infurmata bil-proceduri giudizzjarji u konsegwenti kundanna fil-konfront ta' l-attur talli addirittura giet interpellata sabiex tesegwixxi provvista u xoghol rimedjali ghal materjal hazin u xoghol mhux esegwit skond is-sengha u l-arti fil-fond ta' l-Avukat Galea. Konsegwentement ghalhekk is-socjetà konvenuta llum ma tistax targumenta b'success li l-azzjoni attrici hija intempestiva.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' l-intempestività sollevata mis-socjetà konvenuta ma hijiex gustifikata u bhala tali ghandha tigi michuda.

Trattai dawn l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari l-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta t-talba attrici fil-mertu fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet relattivi sollevati mis-socjetà konvenuta.

Is-socjetà konvenuta tikkontendi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-raguni li l-attur dejjem accetta x-xoghlijiet in kwistjoni. Tali eccezzjoni però hija, fil-fehma tal-Qorti, kompletament legalment ingustifikata.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li: *in tema ta' kuntratti d'opera jew ta' appalt* (li fl-ahhar mill-ahhar kien in-natura tal-ftehim bejn l-attur u s-socjetà konvenuta) *it-tehid in konsenja da parti tal-kommittent mhux dejjem, u bilfors jekwivali ipso facto ghall-accettazzjoni bla rizerva ta' l-opra jew tax-xoghlijiet appaltati u, allura wkoll, ghal xi konsegwenti rinunzja ghall-azzjoni jew difiza fil-kaz li jigu riskontrati difetti taht il-profil tekniku u fattwali. B'mod partikolari, ma jitqiesx sufficjenti li jigi ritenut illi bl-accettazzjoni l-kommittent implicitament*

[20] Annessa mar-Rikors promotur markata Dok. "C" a fol. 7 tal-process.
[21] Dok. "RFA2" a fol. 37 tal-process.

*irrinunzja ghall-garanzija kontra l-vizzji u difformità palesi fl-opra jew ix-xoghlijiet konsenjati. Jibqa' dejjem attiv il-principju illi 'l'artefici ghandu jiggarantixxi l-bontà tax-xoghol tieghu, u din il-garanzija hi implicita'. Ma jistax allura in linea ta' massima japprofitta ruhu mill-fatt ta' l-accettazzjoni jekk jinstab li hu jkun ittrasgredixxa d-dettami ta' l-arti tieghu. Dan ghaliex hu kien mill-bidunett obbligat li jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha. ... Biex jista' jinghad li l-kommittent ikun irrimedjabilment tilef, jew tacitament irrinunzja, ghal tali dritt irid ikun ghadda tul ta' zmien apprezzabbli bejn il-konsenja u d-denunzja tad-difetti*[22].

Fid-dawl ta' tali principju jirrizulta b'mod car li l-fatt li l-attur, *qua* l-persuna li inkariga lis-socjetà konvenuta tipprovdi l-madum u tqieghed l-istess fil-fond Nru. 386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, accetta x-xoghol hekk provdut u esegwit, tant illi hallas lill-istess socjetà *in toto,* ma jwassalx ghall-ezoneru awtomatiku taghha minn kwalunkwe responsabilità ghal xoghol li in segwitu jirrizulta difettuz u/jew mhux esegwit skond is-sengha u l-arti. Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-fatt li fil-kaz in ezami l-beneficjaru ahhari tal-materjal provdut u xoghol esegwit kien l-Avukat Vincent Galea, ma jbiddel assolutament xejn mill-kwadru guridiku hawn appena espost.

Is-socjetà konvenuta tikkontendi wkoll – u dana johrog car kemm mill-provi prodotti minnha u mis-sottomissjonijiet avvanzati waqt it-trattazzjoni orali – li l-attur ghandu jkun unikament u esklussivament responsabbli ghall-mod kif irrizulta kemm il-materjal provdut minnha kif ukoll ix-xoghol ta' tqeghid esegwit minnha ghar-raguni li hu kien inkarigat – mill-klijent – ghas-supervizjoni u sorveljanza tax-xoghol. Din il-kontestazzjoni u konsegwenti pretensjoni tas-socjetà konvenuta però ukoll hija ghal kollox guridikament infondata.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef v. Christopher Pace, Appell Civili Nru. 235/02** deciza fl-10 ta' Marzu 2004: *l'obbligazione del direttore dei lavori, che per conto del committente è tenuta a controllare la regolarità ed il buon andamento dell'opera man mano posta in essere del costruttore, costituisce un'obbligazione di mezzi (e cioè di comportamento), non già di risultato, in quanto ha per oggetto la prestazione di un' opera intellettuale che non si estrinseca, nemmeno in parte, in un risultato di cui si possa cogliere tangibilmente la consistenza, non sfociando in un' opera materiale'. Naturalment din l-obbligazzjoni ta' imgieba biex tigi dikjarata insodisfacenti trid necessarjament tkun korrelatata ma' dawk ix-xoghlijiet li taghhom il-parti tkun giet affidata s-sorveljar.*

Minn din l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) dwar l-obbligu tad-direttore dei lavori jirrizulta li r-responsabilità ghal xoghol esegwit hazin taqa' u tieqaf unikament fuqu biss meta d-difett fix-xoghol esegwit ikun rizultat dirett tat-tmexxija u/jew sorveljanza hazina tieghu u mhux rizultat ta' esekuzzjoni hazina ta' l-appalt da parte ta' l-appaltatur. In effetti fis-sentenza fl-ismijiet **Raphael Micallef v. Anthony Agius, Citaz. Nru. 1003/89** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2004, il-Qorti osservat illi *l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol*

[22] Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina et, Appell Civili Nru. 549/97 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005.

*li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol; u dan avvolja s-sorveljanza ta' dan ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tx-xoghol ikun il-lavorazzjoni u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anke jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. In effetti l-perit kolpevoli ta' difett ta' sorveljanza ghandu rigress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta' lavorazzjoni. Dan jikkomabacja mal-hsieb anterjorment professat illi* ***'l'impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l'appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli è imposto dalla natura del contratto***[23]*'.*

Mill-konsiderazzjonijiet teknici tal-Perit Tekniku Simon Saliba fil-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05, jirrizulta b'mod car li d-difetti fix-xoghol tal-madum fil-fond Nru. 386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, huma rizultat dirett ta' xoghol mhux esegwit skond is-sengha u l-arti u mhux minhabba nuqqas ta' sorveljanza u/jew sorveljanza hazina da parte ta' l-attur. In effetti l-Perit Tekniku Simon Saliba ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet teknici: *Madum ta' irham fl-entratura, taht it-tarag u fil-pjan tat-tarag fit-tieni sular – Meta l-Perit Tekniku acceda fuq il-post ezamina kampjun ta' maduma ta' l-irham u hawn jinnota: a. Li l-hxuna ta' dik il-parti li hi irham hi cirka 4 (erbgha) millimetri. Dan huwa imsahhah b'materjal iehor imwahhal fuq in-naha ta' wara tal-maduma. Il-hxuna ta' dan il-materjal hi ta' cirka 5 (hames) millimetri. b. L-irham minn natura tieghu ghandu vini mhaffrin, u jidher li dan kien gie mimli fil-process tal-manifattura tal-maduma. c. Il-maduma ghandu camfrin madwar l-gnub tieghu. d. Il-paviment li jinstab fl-ewwel sular huwa mtappan u mhaffer. e. Il-paviment li jinsab fil-pjan tat-tarag m'ghandux kuntatt ma' l-umdità ghax jinstab fit-tieni sular waqt li dak li jinstab fl-entratura hu espost ghall-umdità li titla 'l fuq minn go l-art. f. Il-paviment li hemm fil-pjan tat-tarag huwa kif nghidu 'maqtuh', dan ghax jinhas li dan il-paviment mhux solidu u hemm sinjali ta' moviment bejn maduma w ohra. Il-Perit Tekniku jikkonkludi kif gej: a. Il-hsara fil-paviment li hemm fil-pjan tat-tarag fit-tieni sular giet ikkawzata* ***jew ghax il-madum ma kienx gie imqieghed skond is-sengha u l-arti jew ghax il-paviment kien gie mirfus kmieni wisq***[24] . [F'dan ir-rigward jizdied jigi osservat li fil-konkluzzjonijiet finali tieghu l-Perit Tekniku Simon Saliba kkonstata li ***hija r-responsabilità tal-kuntrattur li jwahhal il-madum u li jipprotegi l-madum sakemm ikun b'sahhtu bizzejjed biex jintrifes***[25].] *b. Il-hsara li hemm fil-wicc tal-paviment li jinstab fl-entratura u taht it-tarag hi kawza ta' l-umdità li hemm tahtu. Il-madum ittappan u r-'Resin' inqala' minn mal-wicc l-irham u ghalhekk l-irham tilef mid-dehra vizwali tieghu.* ***Ghalhekk ix-xoghol ukoll ma kienx sar skond is-sengha u l-arti***[26]*. c. Nenfasizza li l-hsara li hemm fil-paviment li hemm fl-ewwel sular m gietx osservata fil-paviment li hemm fil-pjan tat-tarag. Il-Perit Tekniku jinnota li madum li hemm fil-pjan tat-tarag jinstab 'l fuq u 'l boghod mill-umdità waqt li l-paviment ta' l-ewwel sular hu espost ghall-umdità li hemm fl-art. Ghalhekk dan jikkonferma li l-hsara li saret fl-irham t'isfel kienet giet ikkagunata mill-umdità. d. Il-qtugh tal-gonot li hemm fil-burdura li tinstab fil-paviment ta' l-irham hdejn il-bieb ta' barra* ***ma sarx skond is-***

[23] Enfasi ta' din il-Qorti.
[24] Enfasi tal-Qorti.
[25] Enfasi tal-Qorti.
[26] Enfasi tal-Qorti.

***sengha u l-arti, dan ghaliex il-gonott ma humiex maqtughin dritti*[27]**. *Madum tac-ceramika bil-bitha – dan il-madum huwa tat-tip 'Rustiku' u normalment jitpogga bil-fil wiesgha. Dan jitlob hafna iktar attenzjoni biex jinzammu fili dritti. Il-Perit Tekniku hawn jinnota: a. Li hemm parti mill-fili fejn inqala' l-grouting u ccaqlaq il-madum hdejn id-drain ta' l-ilma. b. Li l-fili ma kienux inzammu dritti w uniformi. Il-Perit Tekniku jikkonkludi kif gej: Fejn inqala' l-grouting u ccalaq il-madum hdejn id-drain, il-hsara hi minima. Il-kagun ta' dan jista' jkun ir-rizultat ta' xi moviment fil-paviment. L-effett negattiv vizwali li hemm minhabba f'dawk il-fili li m'humiex dritti hi r-rizultat li* ***l-madum ma kienx gie mqieghed skond is-sengha u l-arti*[28]**.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi teknici s-socjetà konvenuta difficilment tista' tirnexxi fid-difiza taghha li ma hijiex responsabbli vis-a-vis l-attur ghaliex ix-xoghol gie minnu accettat u/jew ghaliex huwa kien inkarigat mis-sorveljanza tax-xoghol.

Tul is-smigh tal-proceduri u senjatament tul il-gbir tal-provi, saret enfasi da parte tas-socjetà konvenuta tramite x-xhieda prodotti minnha, li meta gie ordnat il-madum eventwalment imqieghed fil-fond Nru.386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, l-attur ma infurmahomx fejn kellu jitqieghed il-madum u lanqas infurmahom li l-madum kellu jitqieghed f'post espost ghall-umdità. Fir-rigward Johann Camilleri, Direttur tas-socjetà konvenuta, xehed illi *fuq il-post mort meta sar id-delivery tax-xoghol, hadt ic-cangar mieghi u tani l-livelli biex nibda. ... Fuq il-post kif mort sibt saff ta' torba li kienet saret minn xi haddiehor. Il-hitan kienu rrangati, mnaddfin u rrangati u kienu digà taw it-treatment tieghu.* In risposta ghad-domanda esplicità *ssemmiet ukoll xi problema dwar l-umdità. Inti kkonstatajt xi umdità fil-post jew?* Johann Camilleri irrisponda *le jien ma stajtx nara jekk kienx hemm umdità fil-post, imma nahseb is-Sur Azzopardi kien jaf li kien hemm xi umdità fil-post ghax lill-klijent kien ikkwotalu ghall-wet boards li ma nipprovduhx ahna.* Ghall-mistoqsija *wara meta saret din il-kawza* [ossia l-kawza "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi] *issemmiet ukoll xi bzonn ta' xi membrane, intom bhala kumpanija, dan taghmluh dan is-servizz jew?* Camilleri rrisponda *Le, ix-xoghol tal-membrane ma naghmluhx ahna.* Zied jghid ukoll li l-kumpanija tieghu ma ntalbitx tikkwota ghall-membrane u mistoqsi *min hu, fl-esperjenza tieghek f'dan ix-xoghol, inkarigat jiehu hsieb hemmx bzonn ta' membrane jew le?* irrisponda *Il-Perit jekk ikun hemm jew inkella l-project manager li dak iz-zmien kien Andrew Azzopardi*[29].

Il-Qorti però ma hijiex affattu konvinta mill-veracità ta' dak affermat minn Johann Camilleri u konsegwentement pretiz mis-socjetà konvenuta u dana billi mix-xhieda ta' l-istess Johann Camilleri u mill-ispecifications tal-maduma esebiti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 jirrizulta li din il-madum kienet qed tinbiegh mis-socjetà konvenuta bhala maduma specifikatament adattata ghall-umdità. In effetti fir-rigward tal-madum in kwistjoni Johann Camilleri xehed illi *l-prodott huwa rham li jinqata' three point five millimetre, imbaghad tigi applikata silicone ta' one point five millimetre biex tipprotegih ... taht il-wicc.* Mistoqsi x'differenza hemm bejn dan it-tip ta' madum u madum ta' irham normali, Johann Camilleri wiegeb *l-umdità ma titlax minnu ghax*

[27] Enfasi tal-Qorti.
[28] Enfasi tal-Qorti.
[29] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012, fol. 54 sa' 61 tal-process.

*qeghda protetta minn taht u imbaghad huwa bhal irham normali* ...[30] u fl-ispecifications tal-madum hemm, fost affarijiet ohra, esplicitament indikat illi *VISENOVA marble is stronger and needs no special maintenance – The composition of VISENOVA increases the resistance of the marble to extend aggressions and temperature changes. Once installed, it insulates perfectly from humidities and does not require any special maintenance.* ...[31].

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi fattwali l-Qorti hija iktar propensa li temmen li l-attur ghazel din il-maduma partikolari ghat-tqeghid fil-fond Nru.386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, proprio ghaliex is-socjetà konvenuta kienet qed tippromuovi din il-madum – li kienet ghadha kemm bdiet timportaha – bhala madum rezistenti u quindi adegwata ghall-umdità, hekk kif inhi minghajr il-htiega ta' protezzjoni ulterjuri; karatteristika din però fl-ahhar mill-ahhar irrizulta li ma kenitx tali.

Ghaldaqstant, thares minn fejn thares lejn il-kwistjoni l-konkluzzjoni hija dejjem l-istess u cioè li s-socjetà konvenuta hija responsabbli versu l-attur ghall-materjal hazin u xoghol ta' tqeghid mhux skond is-sengha u l-arti minnha esegwit fuq inkarigu tieghu fil-fond Nru.386, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara.

Is-socjetà konvenuta teccepixxi wkoll li l-attur ghandu jipprova li huwa effettivament hallas l-ammonti minnu reklamati b'dawn il-proceduri u waqt it-trattazzjoni orali ssottomettiet ukoll illi l-azzjoni attrici in verità hija improponibbli ghaliex l-attur sa' llum jidher li ghadu ma esegwiex ix-xoghol rimedjali li gie ordnat jesegwixxi in forza tas-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" u fi kwalunkwe kaz skond dik is-sentenza f'kaz li ma jesegwixxi x-xoghol l-Avukat Galea jista' jesegwihom hu a spejjez ta' Andrew Azzopardi.

Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjoni tas-socjetà konvenuta dwar l-improponibilità ta' l-azzjoni attrici hija ghal kollox guridikament zbaljata.

Ma jridx jintensa li l-azzjoni odjerna hija azzjoni ta' rivalsa li l-attur ghandu fil-konfront tas-socjetà konvenuta in segwitu ghall-**kundanna** fil-konfront tieghu bis-sahha tas-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 deciza fis-26 ta' Novembru 2007. B'hekk jekk Andrew Azzopardi **effettivament esegwiex o meno** x-xoghlijiet rimedjali ordnati mill-Qorti f'dik is-sentenza hija kwistjoni ghal kollox estraneja ghas-socjetà konvenuta stante li l-**esekuzzjoni tas-sentenza** hija materja li timporta biss u esklussivament lill-Avukat Vincent Galea *qua* kreditur u lil Andrew Azzopardi *qua* debitur tieghu. Una volta li Andrew Azzopardi nstab responsabbli ghall-hsarat li rrizultaw fix-xoghol ta' provvista u tqeghid ta' madum fil-fond ta' l-Avukat Galea, l-istess Andrew Azzopardi akkwista d-dritt li jdur fuq is-socjetà konvenuta, *qua* persuna inkarigata minnu ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet li ma esegwietx l-appalt lilha kommissjonat bil-mod opportun u skond is-sengha u l-arti, ghad-danni minnu sofferti jew li ghad iridu jigu minnu sofferti b'konsegwenza ta' dik il-kundanna fil-konfront tieghu.

---

[30] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012, fol. 54 sa' 61 tal-process.
[31] Specifications annessi mar-Rapport tal-Perit Tekniku Simon Saliba fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi", Avviz Nru. 40./05.

In kwantu rigwarda l-prova tad-dannu, il-Qorti tqis li din saret b'mod sodisfacenti da parte ta' l-attur in kwantu huwa esebixxa Rapport tal-Perit Duncan Mifsud Parker[32], liema rapport gie kkonfermat mill-istess imsemmi Perit waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011[33], minn liema jirrizulta l-valur tax-xoghlijiet rimedjali mehtiega sabiex l-attur jottempera ruhu mal-kundanna imposta bis-sentenza fl-ismijiet "L-Avukat Vincent Galea v. Andrew Azzopardi" Avviz Nru. 403/05 deciza fis-26 ta' Novembru 2007, ossia l-valur ta' €6,565.68, **u** esebixxa wkoll Taxxa ta' l-Ispejjez mahruga mir-Registru ta' din il-Qorti relativvament ghall-imsemmija kawza[34], minn liema taxxa tirrizulta s-somma komplessiva ta' €4,098.15 bhala spejjez giudizzjarji, provi dawn li ma gew bl-ebda mod kontradetti jew kuntrastati mis-socjetà konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ewwel eccezzjoni, kif ukoll l-eccezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni attrici, ossia l-hames eccezzjoni, u tichad ukoll l-eccezzjonjiet fil-mertu sollevati mis-socjetà konvenuta u minflok tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma komplessiva ta' €10,663.83, bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Awwissu 2011, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lis-socjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2006, huma a karigu esklussiv tas-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

32 Dok. "A" a fol. 2 sa' 4 tal-process.
33 Fol. 22 sa' 24 tal-process.
34 Dok. "B" a fol. 5 u 6 tal-process.